

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11131/26

ECOFIN 921
UEM 325
SOC 450
EMPL 252
COMPET 865
ENV 841
EDUC 307
ENER 463
JAI 901
GENDER 138
JEUN 181
SAN 539
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja tan-Netherlands

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 219 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja tan-Netherlands

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1176/oj>).

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (2) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 tan-Netherlands. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom ikun meħtieġ analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività dinjija tal-Unjoni matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastru kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

³ ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

- (4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁴. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għan-Netherlands. Dan ivvaluta l-progress tan-Netherlands fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u evalwa l-implimentazzjoni tal-RRP min-Netherlands. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-isfidi l-aktar urġenti li qed jiffaċċaw in-Netherlands. Ivvaluta wkoll il-progress li għamlu n-Netherlands fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

- (6) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għan-Netherlands. Is-sejbiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni dwar il-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi għan-Netherlands għall-finijiet ta' dak ir-Regolament ġew ippubblikati fl-20 ta' Mejju 2026⁵. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-Netherlands ma għadhomx qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati ma' livelli għoljin ta' dejn tal-unitajiet domestiċi, mas-suq tal-akkomodazzjoni u mas-surplus kbir fil-kont kurrenti kienu preżenti matul is-snin, iżda dan l-aħħar naqsu. Is-surplus kbir fil-kont kurrenti naqas xi ftit dan l-aħħar u parti minnu hija strutturali, peress li n-Netherlands jaġixxu bħala ċentru Ewropew ewlieni għall-kummerċ u jospitaw ħafna intrapriżi multinazzjonali. B'mod parallel, f'dak li jirrigwarda r-relazzjoni bejn it-tfaddil u l-investimenti, it-tnaqqis fis-surplus jirrifletti li d-domanda domestika kienet il-kontributur ewlieni għat-tkabbir reċenti tal-PDG reali u li d-domanda kibret b'rata aktar mgħaġġla milli fil-bqija taż-żona tal-euro, għalkemm minn livelli aktar baxxi. Is-surplus fil-kont kurrenti mhuwiex previst li jikber din is-sena jew is-sena d-dieħla. Il-prezzijiet tad-djar qed ikomplu jikbru b'mod viżibbli fost tnaqqis fil-provvista tal-akkomodazzjoni. Il-proporzjon tad-dejn tal-unitajiet domestiċi mal-PDG reġa' naqas fl-2025, għalkemm aktar bil-mod minn qabel, hekk kif is-self żdied b'rati tal-imgħax aktar baxxi. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi jista' jstabbilizza ruħu fis-snin li ġejjin u r-riskji relatati mal-livell għoli ta' dejn tal-unitajiet domestiċi huma parzjalment mitigati mill-prevalenza ta' ipoteke b'rata fissa. Ittieħdu xi miżuri ta' politika biex tizzied il-provvista tal-akkomodazzjoni, u l-aħħar aġenda ta' investiment tal-gvern, inkluż fil-qasam tal-akkomodazzjoni, tista' tgħin biex tnaqqas is-surplus fil-kont kurrenti fuq terminu medju. Meta wieħed iħares 'il quddiem, iż-żieda effettiva tal-provvista tal-akkomodazzjoni u l-indirizzar tal-inċentivi fiskali li jiffavorixxu x-xiri ta' djar iffinanzjati bid-dejn jistgħu jgħinu biex irażżnu l-prezzijiet tad-djar u jnaqqsu d-dejn tal-unitajiet domestiċi b'mod dejjiemi, filwaqt li ż-żieda fl-investiment domestiku tgħin biex jitnaqqas aktar is-surplus tal-kont kurrenti. Is-Semestru Ewropew ser jipprovdi l-qafas għall-monitoraġġ tal-progress fir-riformi tal-akkomodazzjoni.

⁵ SWD(2026) 140 final.

- (7) Fi [data], il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tħaddan il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tan-Netherlands ta' April 2026⁶. Il-pjan, ippreżentat skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, ikopri l-perjodu mill-2026 sal-2030 u jippreżenta aġġustament fiskali mifruq fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 4,7 % fl-2026, 3,5 % fl-2027, 3,1 % fl-2028, 3,5 % fl-2029, u 3,7 % fl-2030, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2025 ta' 4,7 % fl-2026, 8,4 % fl-2027, 11,7 % fl-2028, 15,6 % fl-2029, u 19,9 % fl-2030. Din ir-rakkomandazzjoni ssostitwiet ir-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025⁷. Madankollu, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta stabbiliti fiha għas-sena 2025, jiġifieri 3,5 % fis-sena u 10,4 % b'mod kumulattiv b'referenza għas-sena bażi 2023, jibqgħu rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità sal-2025 inkluż.
- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża⁸ u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' [data] li tħaddan il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tan-Netherlands ta' April 2026 (ĠU [ĠU: daħħal ir-referenzi rilevanti tal-ĠU]).

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tan-Netherlands (ĠU C, C/2025/648, 10.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/648/oj>).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

- (9) Fl-14 ta' April 2026, in-Netherlands ippreżentaw ir-Rapport ta' Progress Annwali⁹ tagħhom għall-2026, dwar l-aderenza mar-rati massimi rakkomandati ta' tkabbir tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tan-Netherlands dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 1,8 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 3,3 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 1,0 % fl-2026 u 1,1 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 3,2 % fl-2026 u 2,5 % fl-2027.
- (11) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat¹⁰, id-defiċit tal-gvern estiż tan-Netherlands żdied minn 0,7 % tal-PDG fl-2024 għal 1,6 % fl-2025. Iż-żieda fid-defiċit fl-2025 tirrifletti prinċipalment iż-żieda fin-nefqa kurrenti u fl-investment pubbliku, kif ukoll tnaqqis strutturali fit-taxxa fuq l-introjt personali. Abbażi tal-miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 2,5 % tal-PDG fl-2026 u ta' 1,9 % tal-PDG fl-2027. Iż-żieda fid-defiċit fl-2026 tirrifletti prinċipalment l-effett temporanju ta' riforma tas-sistema tal-pensjonijiet militari li tirrikjedi trasferiment ta' madwar 0,7 % tal-PDG mill-gvern lejn fond tal-pensjoni privat.

⁹ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

¹⁰ Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

- (12) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali¹¹, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata nazzjonalment kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet restrittiva, b'0,8 % tal-PDG fl-2025. Huwa projettat li jkun ġeneralment newtrali kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027.
- (13) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat¹², id-dejn tal-gvern estiż tan-Netherlands żdied minn 43,8 % tal-PDG fl-aħħar tal-2024 għal 44,4 % tal-PDG fl-aħħar tal-2025. Abbażi tal-miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG ser jiżdied għal 46,9 % sa tmiem l-2026 u jibqa' ġeneralment stabbli għal 47,0 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fl-2026 tirrifletti prinċipalment self lil TenneT, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tan-Netherlands, u lil EBN, il-kumpanija tal-enerġija tal-istat.
- (14) Abbażi tad-data tal-Eurostat¹³, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fin-Netherlands ammontat għal 1,7 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun 1,9 % tal-PDG fl-2026¹⁴.

¹¹ Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluż in-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹² Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

¹³ Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

¹⁴ Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

- (15) L-Unjoni tkompli tiffaccà riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvew kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn meta faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, in-Netherlands adottaw miżuri ta' politika fiskali sabiex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti¹⁵. Dawn jinkludu fond ta' emerġenza għall-enerġija mmirat biex jappoġġa lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli b'kontijiet tal-enerġija għoljin matul ix-xitwa tal-2026–2027, żieda permanenti fl-indennizz tal-ivvjaġġar eżentat mit-taxxa, u tnaqqis immirat fir-rata tat-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għall-vannijiet u għat-trakkijiet tal-konsenja għas-sena 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa projettat li jammonta għal anqas minn 0,1 % tal-PDG fl-2026.
- (16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fin-Netherlands kibret b'7,2 % fl-2025 u b'10,6 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir irrakkomandata mill-Kunsill f'Jannar 2025, u jikkorrisponi għal devjazzjoni ta' 1,5 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva tan-nefqa netta hija wkoll oġġla mir-rata massima ta' tkabbir irrakkomandata, u tikkorrisponi għal devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG f'termini kumulattivi.

¹⁵ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

- (17) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fin-Netherlands hija proġettata li tikber b'4,9 % fl-2026. It-tkabbir proġettat tan-nefqa netta fl-2026 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir irrakkomandata mill-Kunsill fi [data], u jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,1 % tal-PDG f'termini annwali.
- (18) Is-sistema Netherlandiża tat-tassazzjoni fuq l-introġtu privat tittratta ċerti assi b'mod differenti mill-bqija, u toħloq distorsjonijiet fl-allokazzjoni tal-kapital u fid-deċiżjonijiet ekonomiċi. B'mod partikolari, it-tnaqqis tal-imgħax tal-ipoteki – flimkien mat-tassazzjoni baxxa tal-kera imputata – joħloq preġudizzju fiskali qawwi favur l-investiment fl-akkomodazzjoni, spiss iffinanzjat mid-dejn, minflok fuq l-investiment fl-ishma u l-bonds. Barra minn hekk, it-trattament tat-taxxa preferenzjali huwa estiż ukoll għall-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni u għall-assi miżmuma f'kumpaniji miżmuma mill-qrib jiġifieri kumpaniji li fihom il-maġġoranza tal-ishma huma proprjetà ta' ftit individwi biss. Sadanittant, l-introġtu tal-unitajiet domestiċi mit-tfaddil u mill-investimenti jiġi ntaxxat abbażi ta' rati ta' redditu preżunti, aktar milli reali, Prattika li tista' żżid ir-riskju li jiġu amplifikati ċ-ċikli ekonomiċi jekk dawn ir-rati ma jirriflettux l-eżiti reali. Il-Gvern beda jeżamina tranżizzjoni lejn taxxa fuq it-tkabbir tal-kapital, possibbilment sal-2028. L-implimentazzjoni ta' riformi li jnaqqsu dan it-trattament inugwali tat-taxxa – kemm fi ħdan it-tipi differenti ta' assi kif ukoll bejniethom – ser tnaqqas l-opportunitajiet għall-arbitraġġ tat-taxxa, issaħħaħ is-sistema tat-taxxa bħala stabbilizzatur awtomatiku, ittaffi l-inugwaljanzi ekonomiċi u tippromwovi allokazzjoni aktar effiċjenti tal-kapital. Minħabba r-rwol tiegħu fit-tqanqil ta' livelli għoljin ta' dejn tal-unitajiet domestiċi, it-tnaqqis ta' dan it-trattament inugwali tat-taxxa huwa rilevanti wkoll biex jindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi.

- (19) Minbarra l-inċentivi fiskali msemija hawn fuq, is-sopravalutazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni ġiet alimentata minn rispons limitat tal-provvista ta' abitazzjonijiet ġodda għal domanda qawwija mqanqla mit-tkabbir tal-popolazzjoni u mill-fatt li l-unitajiet domestiċi qed isiru dejjem iżgħar. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni huwa projettat li jaqbeż l-400 000 abitazzjoni fl-2025¹⁶. Sabiex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni billi jitneħħew l-ostakli ewlenin li bħalissa qed iżommu lura l-kostruzzjoni, il-gvern jista' javvanza l-pjanijiet tiegħu biex jissimplifika l-proċessi tal-ippjanar u tal-għoti tal-permessi, li bħala medja jieħdu sa 6-7 snin biex jitlestew, kif ukoll jissimplifika r-regolamentazzjoni tal-bini. Barra minn hekk, tista' ssir disponibbli aktar art għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda. Hemm diversi ostakli oħra li jfixxlu l-progress, inkluż nuqqasijiet ta' ħaddiema, u restrizzjonijiet fuq il-kostruzzjoni relatati mad-depożizzjoni eċċessiva tan-nitroġenu u mal-konġestjoni tal-grilja elettrika. Iż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni hija rilevanti biex jittaffew l-iżbilanċi makroekonomiċi.
- (20) Is-suq tal-kiri privat fin-Netherlands, li għadu sottożviluppat, joffri sfidi sinifikanti għall-affordabbiltà u għad-disponibbiltà u jżid ir-riskju tal-faqar għall-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u medju. Filwaqt li l-miżuri ta' politika reċenti, bħall-estensjoni tal-kirjiet irregolati, ipprovdew għajjnuna lil xi kerrejja, dawn ikkontribwew ukoll – flimkien ma' rati tal-imgħax oġhla u bidliet fit-taxxa – għal tnaqqis fl-istokk ta' proprjetajiet għall-kiri. Din ix-xejra hija xprunata mis-sidien li qed ibigħu proprjetajiet lil sidien okkupanti, u b'hekk qed titnaqqas aktar id-disponibbiltà tal-kiri, filwaqt li l-kirjiet żdiedu għall-unitajiet li jaqbżu l-limitu massimu tal-prezz. Sabiex jiġi stimulat it-tkabbir tas-settur tal-kiri privat, l-investimenti fis-suq tal-kiri privat jistgħu jsiru aktar attraenti permezz ta' aġġustament mill-ġdid tal-kirjiet regolati sabiex ikunu aktar allinjati mal-valutazzjonijiet tal-proprjetà, filwaqt li jiġi evitat ritorn għal kirjiet eċċessivi. Tali aġġustament mill-ġdid ibbilanċja jista' jgħin kemm biex tiżdied il-provvista ġenerali tal-akkomodazzjoni kif ukoll biex jitnaqqsu l-inċentivi biex jittieħed dejn ipotekarju sabiex tinxtara dar li, min-naħa tiegħu, jappoġġa l-mitigazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi.

¹⁶ Abbażi tal-kalkoli u t-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea u taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Għal aktar dettalji, ara Balouktsi et al. (2026), Housing investment needs in the EU. [JRC Technical Report 144419](#).

- (21) Is-sistema tal-kura fit-tul Netherlandiża qed tiffaċċa sfidi sinifikanti minn popolazzjoni li qed tixjieħ, kura istituzzjonali għalja u kopertura ġeneruża tad-dipendenti. In-Netherlands sejr in tajjeb meta mqabbla mal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri f'termini ta' adegwatezza, disponibbiltà u kwalità tas-sistema tal-kura fit-tul kif ukoll id-daqs tal-forza tax-xogħol fil-qasam. Madankollu, is-sistema qed tpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-gvern. Fl-2022, l-infiq totali fuq il-kura fit-tul fin-Netherlands kien ta' 3,8 % tal-PDG, l-ogħla valur fl-UE, u huwa projettat li jiżdied għal 5,7 % tal-PDG sal-2070 skont ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 tal-Kummissjoni. Il-miżuri biex tiġi indirizzata din iż-żieda jistgħu jinkludu l-allinjament tal-kopagamenti, jiġifieri l-kontribuzzjonijiet proprji mill-pazjenti, mal-kost tal-kura li jirċievu f'tipi differenti ta' benefiċċji. Is-sistema tkun aktar kosteffettiva kieku l-pazjenti jiddeterminaw l-għażla tagħhom ta' ambjent ta' kura abbażi tal-ħtiġijiet tal-kura individwali tagħhom, minflok ma jagħżlu ambjent li jimminimizza l-kopagamenti tagħhom. Il-Ftehim ta' koalizzjoni tal-gvern li jmiss fih sforzi biex titjeb il-kosteffettività, inkluż sabiex jinkiseb iffrankar strutturali ta' madwar 0,2 % tal-PDG matul il-mandat attwali. Investimenti addizzjonali fil-prevenzjoni, sabiex jiġi ppost il-bidu tal-ħtiġijiet għall-kura fit-tul, kif ukoll aktar titjib fl-għoti ta' kura bbażata fil-komunità, jistgħu jgħinu wkoll biex jitnaqqsu l-kostijiet. Dan it-titjib jista' jiżgura li l-benefiċċji tas-sistema jiġu allokat b'mod aktar effiċjenti mingħajr ma jikkompromettu l-kopertura għolja u l-kwalità tas-sistema.
- (22) L-involviment sistematiku sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (23) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fin-Netherlands, qed tавvanza b'pass aktar mgħaġġel mill-medja fil-livell tal-UE, kemm f'dak li jirrigwarda l-għażla tal-proġetti kif ukoll il-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fuq il-post. In-Netherlands diġà qed jieħdu azzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom biex jagħtu spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati min-Netherlands fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħhom tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu¹⁷, jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv.
- (24) In-Netherlands qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi sfidi relatati ma' investment insuffiċjenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u ma' aċċess limitat għall-finanzjament għal start-ups u scale-ups, dipendenza kontinwa fuq il-fjuwils fossili flimkien ma' ostakli fl-infrastruttura tal-grilja elettrika, segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, u nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, inkluż livelli baxxi ta' kisba ta' ħiliet bażiċi u nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-oqsma STEM, b'mod partikolari fost gruppi sottorappreżentati.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

- (25) L-ekosistema tal-innovazzjoni Netherlandiża tibbenefika minn kundizzjonijiet qafas b'saħħithom għar-riċerka u l-innovazzjoni, iżda l-intensità tal-infiq pubbliku fuq ir-R&Ż għadha taħt il-medja tal-UE u l-intensità tal-infiq privat fuq ir-R&Ż għadha lura meta mqabbla mal-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni fl-UE (l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja) u mal-mexxejja globali tal-innovazzjoni bħall-Istati Uniti. Hemm riskju li l-progress fir-R&Ż jonqos aktar jekk dawn il-lakuni ma jiġux indirizzati. Biex jindirizza dawn l-isfidi, il-gvern Netherlandiż ħabbar Pjan ta' Azzjoni biex tintlaħaq il-mira ta' investment fir-R&Ż ta' 3 % tal-PDG sal-2030, inkluż inizzjattivi ta' politika bħall-ħolqien ta' Aġenzija Nazzjonali għall-Innovazzjoni Rivoluzzjonarja, politika industrijali riveduta f'setturi ewlenin bħas-semikondutturi jew il-bijoteknoloġija, u appoġġ għal raggruppamenti reġjonali tal-innovazzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għadha fi stadju bikri. L-iżgurar tal-koerenza bejn dawn l-inizzjattivi u l-Istrateġija Nazzjonali eżistenti għat-Teknoloġija huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-politika u tiġi massimizzata l-effettività tagħhom. It-tiżiż tal-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni jista' jgħin biex tingħata spinta lix-xenarju tal-innovazzjoni, jixpruna t-tkabbir tal-produttività u jmantni l-pożizzjoni tan-Netherlands bħala mexxejja Ewropea fl-innovazzjoni.

- (26) Minkejja li għandhom wieħed mill-aktar swieq ta' kapital ta' riskju żviluppati fl-Unjoni Ewropea, xi start-ups u scale-ups Netherlandiżi qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jiksbu finanzjament. B'mod partikolari, l-istart-ups qed jiffaċċaw restrizzjonijiet fl-istadju ta' preavvjament u sussegwentement qed isibuha diffiċli biex jespandu b'suċċess. Nuqqas ta' kapital ta' riskju fi stadju avanzat iwassal lill-kumpaniji Netherlandiżi innovattivi biex ifittxu finanzjament jew jirrilokaw barra mill-pajjiż, u b'hekk jillimita l-kapaċità tan-Netherlands li jkabbru l-istart-ups f'atturi kbar tas-suq. L-appoġġ pubbliku għall-istart-ups u għall-iscale-ups sa issa kien jinvolvi riżorsi finanzjarji relattivament limitati u kien nieqes mill-prevedibbiltà. Il-Gvern Netherlandiż ħabbar l-istabbiliment ta' Istituzzjoni tal-Investment Nazzjonali li tiffoka fuq start-ups u scale-ups, li mistennija tibda topera fl-2028. Madankollu, implimentazzjoni effettiva u monitoraġġ kontinwu ser ikunu kruċjali. Id-distakk fil-ffinanzjament, jekk ma jiġix indirizzat, jista' jxekkel l-innovazzjoni u l-kompetittività fit-tul, peress li start-ups u scale-ups għandhom it-tendenza li juru tkabbir ogħla fil-produttività minn negozji ġodda oħra. Lil hinn mill-aċċess għall-finanzi, l-ambjent ġenerali tan-negozju għandu wkoll rwol importanti fl-appoġġ għall-istart-ups u għall-iscale-ups. Il-komplessità regolatorja, il-piż amministrattiv u l-inċertezzi fil-qafas tat-taxxa jistgħu jkunu ta' piż fuq il-kapaċità tad-ditti li jinnovaw u jespandu. Sabiex jindirizzaw din il-kwistjoni, in-Netherlands jistgħu jibbenefikaw mill-espansjoni tal-użu ta' strumenti ta' finanzjament, bħall-garanziji u l-istrutturi ta' fond ta' fondi, biex jimmobilizzaw il-kapital u jattiraw investituri istituzzjonali. L-istituzzjoni tal-investment nazzjonali tista' tgħin ukoll biex tiżgura l-prevedibbiltà tal-politika u tnaqqas il-frammentazzjoni.

- (27) L-attività ta' innovazzjoni fin-Netherlands hija kkonċentrata ħafna f'ditti kbar u stabbiliti, bl-ewwel tliet kumpaniji jirrappreżentaw madwar kwart tal-investment totali fir-R&Ż fl-2023, filwaqt li kumpaniji ġodda u żgħar jikkontribwixxu marġinalment biss. Minkejja livelli komparattivament għoljin ta' diġitalizzazzjoni fost l-SMEs Netherlandiżi, għad hemm distakk sinifikanti bejn id-ditti ż-żgħar u d-ditti l-kbar fl-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, bħall-intelliġenza artifiċjali u l-cloud computing. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir tal-produttività huwa primarjament xprunat minn ditti stabbiliti, u d-disparitajiet bejn id-ditti fl-istess setturi qed jikbru. Hemm lok għal tkabbir fil-produttività permezz ta' aktar diġitalizzazzjoni u innovazzjoni fost l-SMEs. Il-Gvern Netherlandiż ħabbar reviżjoni tal-iskema ta' tnaqqis tat-taxxa fir-R&Ż sabiex jissimplifikaha u jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, bl-għan li jinċentiva lil ditti iżgħar u aktar ġodda jinvolve ruħhom f'attivitajiet ta' R&Ż. Biex ikomplu jindirizzaw dawn l-isfidi, in-Netherlands jistgħu jimplimentaw taħlita ta' miżuri fiskali u mhux fiskali, bħal vawċers u għotjiet għall-adozzjoni diġitali, inċentivi fiskali għal investimenti f'teknoloġiji avvanzati u taħriġ imfassal apposta biex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali, biex jippromwovu l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u jsaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni, b'mod partikolari fost l-SMEs.
- (28) In-Netherlands għadhom jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili, minkejja li l-livell ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku fin-Netherlands huwa oġġla mill-medja tal-UE. Filwaqt li l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli aċċellerat fl-2024, in-Netherlands f'it li xejn għamlu progress fl-2025 fl-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, parzjalment minħabba l-konġestjoni tal-grilja, iż-żieda fil-kostijiet fil-ktajjen tal-provvista tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u domanda għall-elettriku aktar baxxa milli mistenni mill-industrija. Fl-istess ħin, il-konsum finali tal-enerġija (FEC) ġenerali żdied fl-2024 meta mqabbel mal-2023 u reġġa' lura t-tnaqqis miksub mill-2019, minkejja tnaqqis tal-FEC fis-settur residenzjali. Dan jagħmel l-ekonomija Netherlandiża vulnerabbli għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali u jfixkel it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Għalhekk, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fin-Netherlands, inkluż fil-bini u fil-proċessi industrijali. Dan jista' jinkludi miżuri biex jitnaqqsu r-riskji finanzjarji fis-settur tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta biex tinżamm l-attrazzjoni tal-investimenti fis-settur.

- (29) Il-konġestjoni tal-grilja tal-elettriku kompliet taggrava, u qed taffettwa kemm iż-żoni rurali kif ukoll dawk urbani, kif ukoll in-networks ta' trażmissjoni u dawk ta' distribuzzjoni. Dan ifixkel it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jillimita l-attività ekonomika, u jimmina l-kompetittività tan-Netherlands. Il-konġestjoni tal-grilja qed tiġi indirizzata permezz ta' taħlita ta' żieda fl-investimenti fil-grilja u ta' inizzjattivi regolatorji, inkluż l-Att il-ġdid dwar l-Enerġija. Minkejja dawn l-azzjonijiet, il-konġestjoni tal-grilja ser tkompli tkun ta' sfida ewlenija fuq terminu qasir sa medju, u għalhekk teħtieġ attenzjoni u azzjoni kontinwi. In-Netherlands jistgħu jibbenefikaw minn żieda fil-kapaċità tal-grilja ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tagħhom, mill-implimentazzjoni u l-inċentivar ta' soluzzjonijiet għall-provvista u għad-domanda flessibbli tal-elettriku, mill-massimizzazzjoni tal-kummerċ tal-elettriku transżonali permezz tal-infrastruttura transfruntiera eżistenti u mis-simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-grilja.
- (30) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiżi tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lin-Netherlands jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (31) Il-livelli eċċessivi ta' depożiti ta' nitroġenu, li jirriżultaw prinċipalment, iżda mhux esklużivament, mis-settur agrikolu intensiv, jibqgħu sfida ambjentali sinifikanti li għandha impatt fuq l-ekonomija tan-Netherlands b'mod ġenerali. Id-depożizzjoni eċċessiva tan-nitroġenu twassal għall-fertilizzazzjoni żejda u l-aċidifikazzjoni tal-ħamrija u tal-korpi tal-ilma, filwaqt li fl-istess ħin tpoġġi restrizzjonijiet sinifikanti fuq l-għoti ta' permessi għall-attivitajiet ta' kostruzzjoni. Il-kwalità tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art għadha wkoll ta' tħassib. Hija meħtieġa l-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti biex jindirizzaw strutturalment id-depożizzjoni eċċessiva tan-nitroġenu mis-setturi emittenti u biex jixprunaw tranżizzjoni lejn agrikoltura sostenibbli, inkluż il-biedja organika. B'mod partikolari, in-Netherlands jistgħu jibbenefikaw mill-adozzjoni ta' Prattiki tal-biedja li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tniġġis min-nutrijenti u mill-pestiċidi kif ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

- (32) Is-sehem tal-impjiegi flessibbli fis-suq tax-xogħol, inkluż kemm il-ħaddiema b'kuntratti temporanji kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom, għadu għoli, b'35,4 % fin-Netherlands, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 20,6 %. Filwaqt li xi grad ta' flessibbiltà jappoġġa l-adattabbiltà ekonomika, l-użu mifrux ta' impjiegi flessibbli approfondixxa s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol (jiġifieri d-diviżjoni tas-suq tax-xogħol f'kategoriji differenti ta' ħaddiema b'livelli differenti ta' sigurtà tal-impjieg u/jew aċċess għall-protezzjoni soċjali u benefiċċji oħra). Gruppi vulnerabbli, bħal ħaddiema b'livelli aktar baxxi ta' ħiliet u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, huma affettwati b'mod sproporzjonat, u spiss iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet ta' xogħol prekarju, inkluż aċċess limitat għat-taħriġ u l-iżvilupp, protezzjoni soċjali inadegwata, u riskju ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu u ta' esklużjoni soċjali. Dawn l-isfidi mhux biss jaggravaw l-inugwaljanza fl-opportunitajiet iżda jimminaw ukoll il-produttività fit-tul. Biex tiżdied il-protezzjoni u jinħolqu kundizzjonijiet aktar ekwi għall-impjegati, il-gvern qed javvanza pakkett ta' riformi mmirat biex inaqqas l-inċentivi għall-impjiegi għal dawk li jaħdmu għal rashom għall-impjiegi flessibbli. Għal dan l-għan, huma kruċjali l-implimentazzjoni rapida ta' assigurazzjoni obligatorja tad-diżabilità għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-ġoti ta' aktar sigurtà tal-impjieg għal dawk li jaħdmu b'kuntratti ta' impjieg flessibbli.

- (33) In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet għadu sfida ewlenija fin-Netherlands, u qed jaffettwa setturi relatati mat-tranżizzjoni doppja u mal-isfidi tas-soċjetà bħall-kura tas-saħħa, l-educazzjoni, it-teknoloġija u l-ICT. Il-fatturi strutturali jkomplu jirfdu n-nuqqas ta' ħaddiema, bħal domanda għolja fis-setturi ta' produttività baxxa u nuqqas ta' provvista minħabba l-għadd medju baxx ta' sigħat maħduma, it-tixjiħ u t-tkabbir bil-mod tal-forza tax-xogħol. Filwaqt li potenzjalment joħlqu inċentivi għall-innovazzjoni li tiffirka x-xogħol, in-nuqqasijiet persistenti jirriskjaw li jfixxlu t-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività. In-Netherlands għandhom rata għolja ta' parteċipazzjoni, iżda għad hemm potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fost il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-ħaddiema part-time, b'mod partikolari n-nisa. It-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż permezz ta' aċċess aħjar għall-kura tat-tfal bi prezz raġonevoli u l-attrazzjoni tat-talent f'impjiegi li qed jiffaċċaw tnaqqis persistenti, jista' jgħin biex tiżdied il-provvista ta' ħaddiema. Jeżistu diversi opportunitajiet għal titjib tal-ħiliet u għal taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, iżda l-persuni fil-marġini tas-suq tax-xogħol jibbenefikaw biss sa ċertu punt limitat. L-isfidi relatati mal-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għadhom jipersistu għall-ħaddiema mobbli u migranti, b'mod partikolari f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema li jiddependu fuq arranġamenti ta' impjiegi flessibbli. Il-miżuri ta' politika fuq in-naħa tad-domanda jistgħu jiffukaw fuq l-indirizzar tal-fatturi strutturali li jsostnu setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u bi produttività baxxa, filwaqt li jippromwovu setturi b'valur miżjud għoli u setturi marbuta mal-isfidi tas-soċjetà, bħall-educazzjoni, il-kura tas-saħħa u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jinkoraġġixxu l-mobbiltà transsettorjali.
- (34) It-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi tal-istudenti fin-Netherlands johlq riskju għall-kompetittività tal-ekonomija u għall-eżiti tas-suq tax-xogħol. L-għadd ta' studenti bi progress insuffiċjenti żdied drastikament fil-matematika, fix-xjenza u fil-qari matul l-aħħar għaxar snin. L-ekwità tal-educazzjoni għadha sfida, bi progress insuffiċjenti jkun oġġla b'mod sinifikanti fost studenti żvantaġġati milli fost il-pari tagħhom. In-Netherlands jistgħu jsaħħu l-appoġġ immirat għall-iskejjel bi prestazzjoni baxxa, għall-istudenti mwielda barra mill-pajjiż u għall-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni. In-nuqqas ta' għalliema naqas, iżda għadu konsiderevoli u għandu impatt fuq l-eżiti tal-apprendiment tal-istudenti. Sabiex il-professjoni tal-għalliema issir aktar attraenti u tgħin biex tattira u żżomm l-għalliema, in-Netherlands jistgħu jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-progressjoni tal-karriera, inkluż billi jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-għalliema u jstimulaw perkorsi tal-karriera aktar diversifikati.

- (35) In-Netherlands qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi strutturali fl-iżvilupp ta' bażi ta' ħiliet STEM wiesgħa biżżejjed. Minkejja parteċipazzjoni qawwija fl-edukazzjoni vokazzjonali u fl-edukazzjoni għolja, is-sehem tal-gradwati fl-oqsma STEM u tal-ICT għadu komparattivament baxx fiż-żewġ livelli tal-edukazzjoni, punt li dejjem aktar jillimita l-produttività. B'riżultat ta' dan, hemm nuqqasijiet kontinwi f'okkupazzjonijiet tekniċi, b'mod partikolari f'setturi bħall-kostruzzjoni, l-enerġija u l-manifattura, li huma kritiċi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, fejn id-domanda għal ħiliet speċjalizzati għadha taqbeż il-provvista. In-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fl-oqsma STEM, filwaqt li l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni huma anqas probabbli li jseguw percorsi STEM u huma affettwati aktar minn progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi. Dawn id-disparitajiet huma attribwibbli għall-istereotipi marbuta mal-ġeneru u ma' inugwaljanzi usa' fl-edukazzjoni, inkluż lakuni fil-prestazzjoni u fl-aċċess għal opportunitajiet għal gruppi żvantaġġati. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet jirrikjedi mekkaniżmi ta' appoġġ immirati u aċċess imtejjeb għal gwida għall-karriera sabiex titħeġġeġ parteċipazzjoni usa' fil-percorsi STEM. It-tiżiħ tal-inklużività u tal-attrazzjoni ta' dawn l-oqsma huwa essenzjali biex titwessa' r-riżerva ta' talenti, jitnaqqsu n-nuqqasijiet fil-ħiliet u jiġi żgurat li n-Netherlands ikunu jistgħu jirrispondu għad-domandi tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu.
- (36) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, fosthom permezz tal-RRP tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għan-Netherlands, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames rakkomandazzjonijiet dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjonijiet (3) u (4) jgħinu fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, u r-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħdu azzjoni fl-2026 u fl-2027 biex:

1. Jaderixxu mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fi [data]. Isaħħu l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex isostnu nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Jiżguraw li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Jallinjaw t-tassazzjoni ta' tipi differenti ta' introjtu mill-ġid, inkluż permezz tal-eliminazzjoni gradwali tad-deduċibbiltà tat-taxxa tal-imgħax ipotekarju. Jadottaw u jimplimentaw miżuri biex ineħħu l-ostakli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda billi jissimplifikaw il-proċeduri tal-ippjanar u tal-ġhoti ta' permessi. Jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur tal-kiri privat affordabbli, inkluż permezz ta' aġġustament mill-ġdid tal-kirjiet regolati. Jindirizzaw iż-żieda mistennija fin-nefqa relatata mal-età fil-kura fit-tul billi jagħmlu s-sistema aktar kosteffettiva.
2. Jiżguraw il-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Isostnu l-momentum tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li jibnu, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prioritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Isaħħu l-intensità tar-R&Ż pubbliċi u privati billi jimmiraw l-appoġġ lejn investimenti f'teknoloġiji strateġiċi ewlenin u lejn ekosistema tal-innovazzjoni reġjonali. Jindirizzaw id-distakk fil-finanzjament għall-istart-ups u għall-iscale-ups, inkluż billi jipprovdu inċentivi biex jattiraw investituri istituzzjonali. Jappoġġaw lill-SMEs biex jinnovaw u jadottaw teknoloġiji ġodda.
4. Inaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jaċċelleraw l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jtejbu l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini. Inaqqsu l-konġestjoni tal-grilja tal-elettriku billi jżidu l-kapaċità tal-grilja tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, jimplimentaw soluzzjonijiet ta' flessibbiltà, jimmassimizzaw il-kummerċ transżonali, u jissimplifikaw aktar il-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi. Jimplimentaw miżuri strutturali biex jindirizzaw b'mod effettiv id-depożizzjoni eċċessiva tan-nitroġenu u d-deterjorament tal-kwalità tal-ilma, b'attenzjoni partikolari għall-agrikoltura sostenibbli.

5. Jadottaw u jimplimentaw miżuri biex inaqqsu l-inċentivi għall-użu ta' kuntratti ta' impjieg flessibbli jew temporanji. Jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, inkluż billi jisfruttaw il-potenzjal tax-xogħol li mhuwiex jintuża biżżejjed u billi jżidu l-immirar tal-miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Jippromwovu r-riallokazzjoni tal-ħaddiema lejn setturi bi produttività għolja u lejn setturi relatati mal-isfidi tas-soċjetà, filwaqt li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġajxien għall-ħaddiema mobbli u migranti. Itejbu l-ħiliet bażiċi tal-istudenti, inkluż billi jagħmlu l-professjoni ta' għalliem aktar attraenti u billi jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-iskejjel żvantaġġati. Jagħtu spinta lill-partekipazzjoni fil-programmi STEM.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
